MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Numru 430/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**MARIA VICTORIA ATTARD**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Victoria Attard ta’ 32 sena, bint Joseph u l-mejta Maria Concetta nee’ Cauchi, imwielda Pieta’ fit-8 ta’ Settembru 1972, u li toqghod f’Numru 85, Triq Santa Margerita, Bormla. Detentrici tal-Karta ta’ l-Identita Numru 382972M giet akkuzata:

Talli fit-13 ta’ Mejju 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. minghajr awtorizzazzjoni
i. uzat computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uzat, ikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; kif ukoll
ii. installat, nehhiet, biddlet, ikkancellat, qerdet, varjat, jew ziedet ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg; kif ukoll
iii. uzat l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku, jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer
meta tali reat jikkonstitwizzi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attivita' tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilita' pubblici;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 337C(1)(a), (g) u (i), u 337F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn LM20,000.00 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

c. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' taghha ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg taghha, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impieg taghha, jew serqet tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

d. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-kapacita’ taghha ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, fl-ezercizzju tad-dmirijiet taghha, ghamlet falsifikazzjoni b’firem foloz, jew b’tibdil f’atti, fi skritturi, jew f’firem, jew billi dahhlet isem ta’ persuna mhux vera, jew b’kitba maghmula jew imnizzla f’registri jew f’atti pubblici ohra, wara li jkunu ga iffurmati jew maghluqa;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 179 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

e. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, hadet b’qerq, iddistruggiet, ma hallietx shah, jew serqet dokumenti, processi jew karti ohra, registri, atti jew xi hwejjeg ohra, li jkunu qeghdin fl-arkivji pubblici, jew f’ufficcji ohra pubblici, jew li kienu moghtija f’idejn depozitarju jew ufficjal iehor pubbliku minhabba l-kariga tieghu;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 144 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

f. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 179 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu minnha;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 187 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

g. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

h. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-12 ta’ Ottubru, 2006 inseriti a fol. 242 tal-atti processwali.

Innutat li l-imputata iddikjarat li m’ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tat-30 ta’ Ottubru, 2006 l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-Artikoli 18, 337C(1)(a)(g)(i), 337F, 308, 309, 310, 127, 179, 144, 187, 188, 189, 31, 20, 23, 30 u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Maria Victoria Attard, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi, minn naha l-wahda l-fedina penali netta tal-imputata, u minn naha l-ohra l-gravita’ tal-akkuzi migjuba kontra l-imputata, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Maria Victoria Attard ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u elfejn u erba’ mitt Liri Maltin (Lm2400) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputata Maria Victoria Attard tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 127 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta timponi fuq l-imputata Maria Victoria Attard l-interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha esebiti bhala Dok IJA12.

Peress illi mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li kien hemm spejjez inkorsi a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Victoria Attard l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fid-dawl tal-interdizzjoni generali perpetwa imposta b’din is-Sentenza fil-konfront tal-imputata Maria Victoria Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------